# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.

## Il-Pulizija
## [Spettur Maurice Curmi]

## vs

## Roderick Sciberras

**Kumpilazzjoni Numru: 415/13**

**Illum, 28 ta' Settembru, 2015**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Roderick Sciberras detentur tal-karta tal-identita` numru 444476(M).

Akkuzat talli:

> F'Mejju u fix-xhur ta' qabel, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u/jew *IPAD*, ghad-dannu tas-socjeta' *Intercomp Marketing Limited*, ai termini tal-artikoli **308, 309 u 310** tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
>
> U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe` *IPAD* li jiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda

mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu tas-socjeta' *Intercomp Marketing Limited*, ai termini tal-artikolu **293** tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli **532A, 532B u 533** tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti pprezentati inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati; u cioe' l-Artikoli 293, 308, 309, 310, 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Stante ammissjoni mill-imputat u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, u stante li l-imputat hallas is-somma dovuta lill-parte civile, qed issib lill-imputat **Roderick Sciberras** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**